# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Diċembru 2008

## dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 8028)*

(2008/938/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 jistipula l-għoti ta' arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jissodisfaw ċerti rekwiżiti stabbiliti skond l-Artikoli 8 u 9 tiegħu.

(2) Kull pajjiż li qed jiżviluppa li jixtieq jibbenefika minn dan l-arranġament ta' inċentiv speċjali kellu jibgħat talba dwar dan sal-31 ta' Ottubru 2008, flimkien mat-tagħrif komprensiv dwar ir-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, il-leġislazzjoni u l-miżuri li jimplimentaw b'mod effettiv id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet u l-impenn tiegħu li jaċċetta u jikkonforma bis-sħiħ mal-mekkaniżmu ta' sorveljanza u reviżjoni previst fil-konvenzjonijiet rilevanti u strumenti relatati. Biex jingħata dak li jkun talab, il-pajjiż li qed jagħmel it-talba jrid jitqies ukoll bħala pajjiż vulnerabbli kif definit fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat dawn it-talbiet, skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, u stabbiliet il-lista finali ta' pajjiżi benefiċjarji li jissodisfaw il-kriterji rilevanti. Skond dan, l-arranġament ta' inċentiv speċjali għandu jingħata lil dawn il-pajjiżi bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2011.

(4) Skond l-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, l-ilħuq tal-kriterji li huma wkoll is-suġġett tal-investigazzjonijiet pendenti fir-rigward tas-Sri Lanka [2] u El Salvador [3], li nbdew mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 [4] qed jiġi eżaminat waqt li qed isiru dawn l-investigazzjonijiet.

(5) Il-pubblikazzjoni f'waqtha ta' din id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandha tiżgura li l-obbligu skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, biex jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jelenka l-pajjiżi li jibbenefikaw minn arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba sa mill-1 ta' Jannar 2009, jintlaħaq.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-deċiżjoni jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Preferenzi Ġeneralizzati,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li ġejjin għandhom jibbenefikaw mill-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba stipulat fir-Regolament (KE) Nru 732/2008 mill-1 ta' Jannar 2009 għall-31 ta' Diċembru 2011:

(AM) l-Armenja

(AZ) l-Ażerbajġan

(BO) il-Bolivja

(CO) il-Kolombja

(CR) il-Kosta Rika

(EC) l-Ekwador

(GE) Il-Ġorġja

(GT) il-Gwatemala

(HN) il-Ħonduras

(LK) is-Sri Lanka

[1] ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

[2] ĠU L 277, 18.10.2008, p. 34.

[3] ĠU L 108, 18.4.2008, p. 29.

[4] ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

(MN) il-Mongolja

(NI) in-Nikaragwa

(PE) il-Perù

(PY) il-Paragwaj

(SV) El Salvador

(VE) il-Venezwela

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil: ir-Repubblika tal-Armenja, ir-Repubblika tal-Ażerbajġan, ir-Repubblika tal-Bolivja, ir-Repubblika tal-Kolombja, ir-Repubblika tal-Kosta Rika, ir-Repubblika tal-Ekwador, ir-Repubblika ta' El Salvador, il-Ġorġja, ir-Repubblika tal-Gwatemala, ir-Repubblika tal-Ħonduras, il-Mongolja, ir-Repubblika tan-Nikaragwa, ir-Repubblika tal-Paragwaj, ir-Repubblika tal-Perù, ir-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka u r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.

Magħmula fi Brussell, 9 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Catherine ASHTON

*Membru tal-Kummissjoni*